A.L. 179 ta' l-2009

ATT DWAR L-I*SPORTS*
(KAP. 455)

Ordni ta' l-2009 dwar il-Kunsill Malti għall-I*sport* (Trasferiment ta' Proprjetà Assenjata) (Nru. 13)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 ta' l-Att dwar l-I*sports*, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2009 dwar il-Kunsill Malti għall-I*sport* (Trasferiment ta' Proprjetà Assenjata) (Nru. 13).

Proprjetà assenjata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artikolu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan assenjata għall-finijiet tat-tgawdija, pussess, użu u amministrazzjoni tad-drittijiet u obbligazzjonijiet li jappartjenu għal dik il-proprjetà assenjata skond l-artikolu 16 ta' l-Att dwar l-I*sports*.


Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà assenjata fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita u tkun vestita fil-Kunsill Malti għall-I*sport* kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2009.

Deskrizzoni ta' proprjetà assenjata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

Biċċa art (adjaċenti mal-Kumpless tal-Pixxina Nazzjonali) fi Triq Marija Teresa Spinelli, Msida, reġistrata bħala Tenement Nru: E20669, ta' madwar 1449 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' Triq Marija Teresa Spinelli, mill-Punent ma' passaġġ u min-Nofsinhar mal-Kumpless tal-Pixxina Nazzjonali kif delineata bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2009_45.


SITE ADJACENT TO
NATIONAL POOL COMPLEX
TRIQ MARIA TERESA SPINELLI
MSIDA
TRIQ MARIA TERESA SPINELLI
VASSALLI
Scale 1:500
10 0 10 20 30 40 50 60 70m
Site Plan
S.S. 5273
Scale 1:2500
Map Ref. 53811
73605
PROPERTY No.: E20669
PROPERTY TO BE TRANSFERRED TO
KUNSILL MALTI GHALL-ISPORTS
AREA : 1,449m²
GOVERNMENT PROPERTY DIVISION
ESTATE MANAGEMENT DEPARTMENT
LOCALITY: MSIDA
P.D. No: 2009_45
SCALE 1:500
FILE: 23/2009
DRAWN BY:
CHECKED BY:
(sgd. S. Scotto)
A&CE
DATE: 31/01/2009
(sgd. A. Mifsud)
Assistant Director Property
DATE: 31/01/2009